MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 643/2002/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2205/02 fl-ismijiet:-**

**Mary Doris Veneziani et**

**vs**

**Emanuel Farrugia et**

**Il-Qorti,**

Mill-provvediment ta' l-ewwel Qorti profferit fit-30 ta' Ottubru 2002 li bih intlaqa' r-rikors tal-intimati ghar-revoka tal-mandat ta' Inibizzjoni Numru 2205/02 gie intavolat appell minn Mary Doris Veneziani u ohrajn. Kif jissottomettu l-appellanti l-appell taghhom hu bazat fuq il-kwestjonijiet tal-ligi li gejjin, u cjoe

(a) It-talba tal-intimati hekk bazata fuq nuqqas ta' kompetenza ma kienetx tinkwadra ruhha fit-termini tas-subinciz (f) ghall-Artikolu 836 (1) tal-Kap 12;
(b) Kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti l-meritu tat-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat imsemmi ma kienetx taqa' fil-parametri ta' l-Artikolu 47 (3) tal-istess Kap 12.

It-twegiba ta' l-intimati appellati ghall-obbjezzjonijiet sollevati hi bazata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(i) l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell stante li fl-okkju tar-rikors ma humiex raffigurati l-partijiet kollha.
(ii) l-inappellabilita` ghal motiv illi fit-termini ta' l-Artikolu 836(5) ma kienx konsentit appell minn digriet li jkun laqa' r-rikors ghar-revoka tal-mandat in ezami.
(iii) fil-meritu, d-digriet moghti hu ben fondat in kwantu l-materja dedotta mill-appellanti fil-korp tal-mandat tesorbita mill-isfera ta' kompetenza tal-Qrati inferjuri

Premessi dawn l-aspetti huwa aktar minn ovvju illi l-ewwel kwestjoni li din il-Qorti jenhtiegilha tinvesti tirrigwarda l-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` tal-provvediment li minnu sar l-appell. Kif jinsab ritenut, "ma jidherx konsistenti la fl-ordni guridiku u lanqas fl-ordni logiku illi l-Qorti l-ewwel tinvesti l-kwestjoni tan-nullita` tas-sentenza u anke tiddeciedi fuq il-bazi ta' l-art. 793 (illum 790) tal-Kodici ta' Procedura Civili li s-sentenza hi sostanzjalment gusta ghal finijiet ta' l-eccezzjoni tan-nullita` u mbaghad tipprovdi biex tiddikjara l-istess sentenza inappellabbli ghax, una volta dikjarata inappellabbli dik is-sentenza, allura qiesu qatt ma kien hemm appell minnha u l-istess sentenza nfatti ssir gudikat "ex tunc". Barra minn dan, decizjoni ta' inappellabilita` hi decizjoni ta' karenza ta' gurisdizzjoni u mhux kompatibbli li l-ewwel tigi ezercitata l-gurisdizzjoni fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjoni tan-nullita` u mbaghad, wara li tkun giet hekk ezercitata, l-istess gurisdizzjoni tigi fl-istess sentenza dikjarata li tiddifetta" – "**Gio Andrea Psaila –vs- Emidio Mamo**", Appell, 16 ta' Mejju1966.

Is-subinciz (5) ta’ l-Artikolu 836 riferit mill-appellati hekk jipprovdi:-

“Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa’ rikors msemmi fis-subinciz (1) ta’ dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli … …”

Issa fil-kaz taht konsiderazzjoni l-intimati appellati pprevalew ruhhom mid-dispost tas-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 836 u talbu b’success ir-revoka ta’ l-att kawtelatorju u cjoe tal-mandat ta’ inibizzjoni li nhareg fil-konfront taghhom. Fic-cirkostanzi allura, gjaladarba t-talba giet milqugha, din il-Qorti ma tarax kif jista’ jirnexxi l-appell interpost in vista ta’ dak kjarament espress fis-subinciz (5) ta’ l-istess Artikolu 836 appena citat.

Raggunta din il-konkluzjoni fuq il-pregudizzjali tal-inappellabilita`, li qed tigi akkolta, ma huwiex il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet l-ohra espressi. Dan anke ghar-raguni biex ma tigix pregudikata d-definizzjoni tal-mertu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-pregudizzjali tal-inappellabilita` sollevata mill-appellati u b’hekk tichad l-appell interpost, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------